# Ġwanni ta' San Sansun

## *Il-Veru Spirtu tal-Karmelu*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Meta wieħed jiġi biex jaqbad f'idejh il-kitbiet ta' fra Ġwann ta' San Sansun żgur li mill-ewwel jintebaħ bil-profondità ta' dan il-mistiku Karmelitan. Il-kitbiet tiegħu mhumiex ftit, b'kollox il-manuskritti tiegħu jgħoddu mal-erbat elef paġna. Imma minkejja l-ammont daqs tant kbir ta' kitbiet, nistgħu ngħidu li mill-figuri l-kbar tal-ispiritwalità Karmelitana, fra Ġwann forsi huwa l-inqas magħruf, saħansitra fl-Ordni Karmelitan innifsu. Ir-raġunijiet huma diversi. L-ewwel u qabel kollox, l-istorja mqallba tal-Ordni Karmelitan fi Franza matul dawn l-aħħar tliet sekli ma ħallewx wisq spazju għall-possibbiltà li jikber u jinfirex l-għarfien ta' dan il-mistiku. It-tieni, bħal kitbiet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi, il-kitbiet ta' fra Ġwann, minħabba li kien agħmi, huma traskrizzjonijiet li n-novizzi kienu jagħmlu waqt li dan kien ikellimhom. Minħabba f'hekk, il-kitba, apparti li hi bi Franċiż antik, hija djalogali u diffiċli biex tara fiha xi ħjiel ta' ordni jew ħsieb magħqud. Madanakollu, il-ġmiel u l-profondità tat-testi żgur li jagħmlu tajjeb għal dawn id-diffikultajiet. Biex jagħmel il-manuskritti ta' fra Ġwann aċċessibbli, P. Donatien ta' S. Nicolas irranġahom u għaqqadhom fi sbatax-il ktieb, tahom isem li jiġbor it-tema prinċipali ta' kull wieħed minnhom, u ppubblikahom fl-1658 u fl-1659 f'żewġ volumi ta' aktar minn elf paġna. Naturalment, għalkemm fra Ġwann essenzjalment ma kiteb xejn, imma kien biss jiddetta jew jitkellem man-novizzi, il-lingwaġġ huwa wieħed dirett, wieħed li jikxfilna l-veru spirtu ta' fra Ġwann. Fl-istess waqt, minħabba l-ordni li fiha ġabar dawn il-manuskritti, jikxfulna wkoll l-ispiritwalità ta' P. Donatien. Għaldaqstant, il-kitbiet li sejrin neżaminaw jiġbru prinċipalment l-ispirtu mistiku, ħieles, u dijaloġiku ta' fra Ġwann imma wkoll l-ordni u l-istruttura ta' P. Donatien. Għall-kumdità, nirreferu għall-manuskritti ta' fra Ġwann bl-isem li tahom P. Donatien.




*Il-Veru Spirtu tal-Karmelu* jiftaħ l-ewwel volum tal-Kitbiet Miġbura. Huwa mqassam fi tlieta u għoxrin kapitlu u b'mod ġenerali nistgħu ngħidu li jitkellem dwar tliet temi fundamentali: l-awtentiċità tal-ħajja reliġjuża (kap. I-III), il-prattika tal-virtujiet (kap. IV-XIII), speċjalment l-umiltà (kap. VII-IX), u l-għaqda intima bejn il-ħajja interjuri u dik esterjuri (kap. XIV-XXIII). Dan mhuwiex neċessarjament l-ewwel xogħol ta' fra Ġwann. Fil-fatt, diġà fl-ewwel linji ta' dan il-ktieb jirreferina għal xogħol ieħor tiegħu, *Il-Kummentarju fuq ir-Regula Karmelitana*. Għaldaqstant, l-ordni li jiftaħ dan il-ktieb

partikulari fil-Kitbiet Miġbura huwa wieħed tematiku, mhux kronoloġiku. Ta' min wieħed iżomm f'moħħu, mela, li meta naqraw dan it-test l-iktar importanti mhux li nissodisfaw kurżità intellettwali, jew nimtlew b'aktar informazzjoni milli diġà għandna, imma li nixorbu l-ispirtu veru tal-Karmelu, hekk kif qed jaqsam magħna fra Ġwann stess.

L-ewwel taqsima tal-ktieb tisħaq fuq l-importanza li r-reliġjuż Karmelitan ikun bniedem tal-ispirtu, jiġifieri, bniedem ta' Alla. Dan iseħħ, l-ewwel u qabel kollox, mhux bl-isforzi tiegħu, bl-axxetika, u l-mortifikazzjoni (kif spiss insibu f'kitbiet ta' awturi oħrajn tal-istess epoka), imma billi wieħed "jerġa' lura f'Alla" għaliex "Alla biss, bħala l-oġġett tal-imħabba unika ta' kull individwu, huwa l-bażi ta' kull eżerċizzju interjuri." Fi kliem ieħor, Alla biss, fl-imħabba divina tiegħu, hu l-bidu tal-ħajja interjuri, huwa Hu s-saħħa biex nipperseveraw fiha, u huwa Hu l-quċċata tagħha. Jgħidilna hekk, "F'dan jiena naf il-qdusija tiegħU aktar u aħjar milli naf lili nnifsi u l-miżerji u d-dnubiet tiegħi." La kollox jibda f'Alla, għal fra Ġwann huwa ċar ukoll li l-ispirtu Karmelitan jinbena essenzjalment fuq il-meditazzjoni tal-ħwejjeġ qaddisa li għandha twassal għal paċi u trankwillità interjuri. Fl-istess waqt, għalkemm kulħadd huwa msejjaħ għall-perfezzjoni, mhux kulħadd huwa msejjaħ għaliha bl-istess mod u bl-istess ritmu. Apparti minn hekk, fil-mixja tiegħu "wieħed ma għandux iserraħ rasu li sempliċiment jgħix ħajja morali, imma wieħed għandu jkun qaddis f'dan l-eżilju u l-pellegrinaġġ tagħna; hemm fejn naqgħu, hemm għandna ningħaqdu bi mħabba akbar m'Alla." Mela f'dan l-istat ta' mħabba, il-ħajja spiritwali mhija xejn ħlief "li nitlef lili nnifsi" u "li ngħix f'Alla għal Alla biss" hekk li sseħħ bħal "transfużjoni" jew "reżoluzzjoni" tal-ħajja tiegħi ġo dik ta' Alla. Li nerġgħu lura f'Alla, mela, ifisser li nerġgħu nirrealizzaw li aħna "għandna l-forma t'Alla (deiforme)", li permezz ta' dak kollu li nagħmlu, il-ħajja spiritwali hija l-mezz ta' kif Alla jonfoħ l-eternità fil-ħajja tagħna sabiex nerġgħu nduru lejh. "L-importanti f'dan kollu, ħija, huwa li tittrasforma l-ħwejjeġ temporali f'dawk spiritwali, u dan tagħmlu billi ċċekken lilek innifsek, bil-qawwa tax-xewqa tiegħek għall-ħajja eterna." (kap. I-III)

It-tieni taqsima mbagħad tkompli telabora dawn il-ħsibijiet fuq il-ħajja spiritwali Karmelitana billi tagħti punti prattiċi kif wieħed jista' jgħix dan l-ideal, li mhuma xejn ħlief il-prattika tal-virtujiet, l-ewwel u qabel kollox l-umiltà, iżda wkoll l-ubbidjenza, il-paċenzja, it-tjubija, l-astinenza, is-sobrjetà, u s-solitudni tar-ruħ u l-ġisem. Għal fra Ġwann, biex wieħed jikber fil-mixja spiritwali mhux biżżejjed li "imut għalih innifsu". L-intenzjoni li nagħmlu dan m'għandhiex tkun sempliċiment iċ-ċaħda tagħna nfusna imma li nikkonċentraw fuq u nħobbu dejjem iżjed lil Alla b'mod divin għaliex "Alla jixtieq li jakkomoda l-grazzja tiegħu għalina, li hija sensittiva għad-dispożizzjonijiet ta' kull wieħed minna, u jagħtina ruħ tajba u xewqat tajba." L-imħabba t'Alla "tħeġġiġna" mela biex inħallu d-drawwiet tal-bniedem il-qadim u nrawmu fina d-drawwiet tal-bniedem il-ġdid. Dan ifisser li l-ħajja spiritwali li għandna nrawmu fina hija "fużjoni" ta' dak li nagħmel jien u ta' dak li jagħmel Alla fija. L-immaġini li dejjem għandu jkollu l-Karmelitan quddiemu biex din il-prattika tal-virtujiet timxi 'l quddiem hija "li lejl u nhar nokkupaw lilna nfusna filli nimitaw lil Ġesù Kristu." (kap. IV).

Fl-aħħar nett, it-tielet taqsima tkompli telabora fuq l-għaqda tal-azzjoni ta' Alla u tal-individwu fil-ħajja spiritwali. Fil-fatt, il-kapitli f'din it-taqsima jalternaw bejn l-imħabba pura u divina ta' Alla u l-ġesti esterni li permezz tagħhom din se tidher u tingħax. Fra Ġwann jibqa' jinsisti sal-aħħar tal-ktieb li l-ġesti li tagħmel "ir-ruħ-namrata" fil-ħajja spiritwali tagħha huma misjuqin minn imħabba divina taħraq tant li kapaċi tissaporti kull diqa u ansjetà. Ir-ruħ magħquda ma' "Alla-Maħbub" tħossha ppruvata u impazjenti – bħal tħossha "sospiża" għaliex hi maqtugħa mid-dinja imma mhux għalkollox magħquda ma' Alla – imma ġeneruża u perseveranti wkoll (kap. XVI). Hekk kif inhi ddedikata biex tħobb lil Alla, din ir-ruħ mela hija ddedikata wkoll biex tħobb lill-oħrajn għaliex "l-imħabba, filwaqt li waħda fl-essenza, għandha diversi ismijiet". Bħal Santa Tereża ta' Ġesù, fra Ġwann jisħaq li "Alla jaħdem fina skont kemm aħna nħalluh. Jekk ix-xewqa tagħna għaliH hija mħeġġa u ma taqtax, l-istess Alla se jikkomunika lilu nnifsu lilna b'daqstant ħeġġa u perseveranza." Meta r-ruħ tħallih, "Alla tant jinsab preżenti fiha li jżejjinha b'tant virtujiet u doni spiritwali kważi kważi mingħajr ma hi stess tintebaħ." (kap. XVII)

*F'Il-Veru Spirtu tal-Karmelu*, fra Ġwann kif ukoll P. Donatien iwasslulna l-qofol tal-ispirtu Karmelitan: 1. Ftuħ bla kundizzjonijiet u mimli mħabba għal Alla u għal dak li jitlob minna; 2. Il-ħajja spiritwali mhija xejn ħlief ritorn lejn jew konċentrazzjoni f'Alla, transfużjoni tagħna fih u Hu fina.